# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 4 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 7**

**Rikors maħluf numru 176/2017/1 JRM**

**Albert Cassar**

***v.***

***Enemalta Corporation*; u b'dikriet tal-5 ta' Mejju 2017 *Engineering Resources Limited* (C-65835) assumiet l-atti tal-kawża**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Lulju 2018 illi laqgħet eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta illi l-qorti ma għandhiex kompetenza biex tisma' t-talbiet tal-attur.

2. L-attur fetaħ din il-kawża taħt id-disposizzjonijiet tal-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għax igħid illi d-deċiżjoni tal-konvenuta illi ma tħallsux iż-żieda fis-salarju li jidhirlu li tistħoqqlu kienet deċiżjoni

*ultra vires* u meħuda bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali. Għalhekk talab illi l-qorti:

»1. [tiddikjara illi] d-deċiżjoni datata 26 t'Awissu 2016, li l-esponenti ma jingħatax id-differenza dovuta lilu mis-sena 2010 sa Diċembru 2013 hija waħda *ultra vires* li saret bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali;

»2. tannulla l-imsemmija deċiżoni; u

»3. tordna lis-soċjetà intimata tħallas kull ammont ta' differenza dovuta lill-esponenti mis-sena 2010 sa Diċembru 2013 kif ukoll tħallas kull ammont ekwivalenti għad-danni ikkawżati lir-rikorrenti b'kaġun tal- aġir tas-soċjetà intimata jew min minnhom a tenur tal-artikolu 469A (1) (*b*) (i) u (ii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex isir tajjeb għal kemm ilu inġustament u mingħajr ebda tort *da parte* tiegħu jitlef flus annwalment.«

3. Il-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

»1. … … … peressss li *Engineering Resources Limited* hija s-soċjetà legali responsabbli għall-impjegati li ġeww trasferiti mill-Korpor-azzjoni *Enemalta* in kwantu li l-istess Korporazzjoni *Enemalta* waqfet teżisti, kwalunkwe deċiżjoni li setgħet tieħu l-esponenti ma tistax tinkwadra fil-parametri tal-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organ-izzazzjoni u Proċedura u dan għaliex:

»(i) … … … is-soċjetà esponenti mhijiex 'awtorità pubblika' kif imfissra fl-istess artikolu 469A tal-Kapitolu 12, prinċipalment ghaliex ma hijiex kumpannija stabbilita bil-liġi; u

»(ii) … … … din l-onorabbli qorti m'għandhiex il-jedd li tissindika din il-kwistjoni u dan għaliex id-delinizzjoni ta' "għemil amministrattiv" teskludi b'mod espliċitu xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità. Issegwi minn dan li deċiżjoni dwar il-ħlas ta' salarji allegatament dovuti hija kwistjoni ta' organizzazzjoni u ta' ammistrazzjoni tas-soċjetà esponenti u mhuwiex "għemil amministrattiv".

»2. … … … din il-qorti ma għandhiex il-kompetenza biex tiddeċiedi din il-kawża peress li l-meritu ta' din il-kwistjoni hija materja li taqa' strettament taħt il-kompetenza tat-Tribunal Industrjali kif imfisser fil-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn hu stipulat li t-Tribunal Industrijali għandu s-setgħa esklussiva li jiddeċiedi kwistjonijiet dwar ħlas tax-xogħol ta' valur ugwali bħall-każ odjern;

»3. fil-fatt, huwa ċar li kif inhi msejsa t-tielet talba tal-attur u r-raġuni-jiet marbuta magħha, il-meritu ta' din il-kawża huwa dwar ħlas tax-xogħol ta' valur ugwali, li jaqa' taħt l-ambitu tal-artikolu 27 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta u kif interpretat mill-Qrati Maltin u dawk Ewropej;

»4. … … … l-artikolu 469A (4) tal-Kapitolu 12 jistipula li d-dispos-izzjonijiet tal-artikolu 469A ma għandhomx japplikaw meta l-mod

> ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi ligi oħra. Isegwi minn dan li l-attur kellu rimedju effettiv ta' kontestazzjoni u *cioè* billi jintavola kawża quddiem it-Tribunal Industrijali, a bażi tal-Kapitolu 452.«

4. Il-fatti li wasslu għall-kawża u r-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' deċizjoni mogħtija mill-kumpannija mħarrka f'ittra tagħha tas-26 ta' Awwissu 2016 li biha għarrfet lill-attur li ma kinitx qiegħda tilqa' lment li huwa kien ressaq magħha fl-2013 biex tħallsu l-ammonti li kien jitħallas anqas mis-salarju li kien jistħoqqlu jirċievi sa mill-2010. L-attur jgħid li, wara ħafna taħbit, ingħata żieda fis-salarju tiegħu b'seħħ mis-sena 2014, iżda ġie mċaħħad miż-żidiet li kienu dovuti lilu bejn is-sena 2010 u Diċembru 2013, jiġifieri minn meta ħa l-kariga uffiċjali ta' suprintendent tal-avjazzjoni fi ħdan il-korporazzjoni mħarrka. Huwa jitlob li l-qorti tħassar id-deċiżjoni meħuda fil-konfront tiegħu u jingħata dak li hu dovut mis-salarju li nżammlu, magħduda d-danni li ġarrab matul is-snin minħabba l-aġir tal-korporazzjoni mħarrka.
>
> »Għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka tilqa' b'eċċezzjonijiet kemm preliminari kif ukoll fil-mertu. Bħala eċċezzjonijiet preliminari, qalet li l-artikolu 469A tal-Kap ma jgħoddx għaliha billi hija ma tikkwalifikax bħala 'awtorità pubblika' kif imfissra fl-artikolu 469A tal-Kap. 12 għaliex mhix imwaqqfa b'liġi; illi l-qorti m'għandhiex jedd tissindika din il-kawża billi l-kwestjoni ma taqax taħt fit-tifsira ta' 'egħmil amministrattiv' skond l-artikolu 469A(2), liema tifsira teskludi xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fi ħdan awtorità pubblika; li l-qorti m'għandhiex is-setgħa tisma' din il-kawża billi l-mertu ta' din il-kwestjoni jaqa' fil-kompetenza tat-Tribunal Industrijali mfisser fil-Kap. 452 u minħabba l-artikolu 27 tal-istess Kap. 452; u li, ladarba l-mod ta' kontestazzjoni jew il-ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv jiġi provdut dwaru f'liġi oħra, l-attur ma jistax jinqeda b'azzjoni taħt l-artikolu 469A. Fil-mertu, laqgħet billi ċaħdet ix-xiljiet miġjuba kontra tagħha u tgħid li l-attur la ġarrab diskriminazzjoni u lanqas ebda dannu.
>
> »Is-sentenza ta' llum qiegħda tingħata dwar l-ewwel erba' eċċezzjonijiet preliminari.
>
> »Għal dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti għall-eċċezzjonijiet preliminari li joħorġu mill-atti jirriżulta li l-attur ilu jaħdem mal-Korporazzjoni *Enemalta* (qabel *Enemalta*) sa mis-sena 1980. Fis-sena 2008 ħa l-kariga ta' *designate* suprintendent tal-avjazzjoni, u fis-sena 2010 ħa l-kariga uffiċjali ta' suprintendent tal-avjazzjoni mal-*Enemalta*. Is-salarju ta' suprintendent tal-avjazzjoni kien marbut ma' skala sebgħa (7).
>
> »Fl-2008 saret ri-organizzazzjoni tal-ħaddiema fi ħdan il-korporazzjoni li kellha impatt fuq is-salarji tagħhom, b'dan li s-salarji telgħu 'il fuq f'qies mal-iskali. Imma s-salarju mħallas lill-attur ma nbidilx. Dan jidher li ġara minħabba li l-ftehim kollettiv milħuq bejn l-Korporazzjoni *Enemalta* (Korporazzjoni) u t-Taqsima Kimika u Enerġija tal-*General Workers' Union* f'Mejju 2008 kien ikopri biss impjegati f'dan is-settur li

jaqgħu taħt l-iskala tmintax (18) sa skala sitta (6). F'dak iż-żmien, l-attur kien meqjus fi skala ħamsa (5), liema skala ma kinitx koperta bi ftehim kollettiv.

»Minħabba f'hekk, u sa mill-2010, l-attur ressaq diversi ilmenti waħdu jew permezz tal-*union* li kienet tirrappreżentah.

»Minkejja li kien hemm ċaqlieq ieħor fl-organiżżazzjoni tal-ħaddiema tul is-snin, is-salarju li kien jaqla' l-attur baqa' l-istess.

»B'seħħ mill-25 ta' Awwissu 2014, il-Korporazzjoni ġiet amalgamata fil-kumpannija *Enemalta p.l.c.* (minn issa 'l hemm imsejħa "il-kumpannija") b'dan li, filwaqt li l-Korporazzjoni waqfet teżisti, il-kumpannija bdiet titqies bħala l-kumpannija li qed takkwista. Għar-rigward l-impjegati tal-Korporazzjoni, il-persuni mpjegati mal-Korporazzjoni qabel id-dħul fis-seħħ tal-Kap. 536 ġew trasferiti u saru mpjegati ta' *Engineering Resources Ltd* (minn issa 'l hemm imsejħa "*ERL*").

»F'Novembru 2014 l-attur kien mgħarraf li s-salarju tiegħu kien ser ikun marbut ma' skala 5 b'seħħ mit-30 ta' Awwissu 2014. Din id-deċiżjoni ġiet riveduta mill-management tal-*ERL*, u s-salarju tal-attur ġie marbut mal-imsemmija skala 5 b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. L-attur saħaq li jitħallas id-differenza fis-salarju u jew fl-*increments* bejn is-sena 2010 u Diċembru 2013, iżda l-*management* ta' *ERL* b'deċiżjoni tas-26 ta' Awwissu 2016 ċaħadlu t-talba.

»Fl-24 ta' Frar 2017 l-attur fetaħ din il-kawża.

»Dwar il-konsiderazzjonijiet legali marbuta mal-eċċezzjonijiet taħt eżami, irid jingħad li dawn huma kollha maħsuba li jżommu lill-qorti milli tqis fil-mertu l-azzjoni tal-attur għal raġuni jew għal oħra. L-ewwel waħda hi li d-deċiżjoni li ħadet *ERL* ma tikkostitwix "egħmil amministrattiv" kif mifhum u mfisser skond it-tifsira mogħtija fl-artikolu 469A, iżda l-ilment tal-attur jikkostitwixxi kwestjoni ta' organiżżazzjoni interna fi ħdan l-istess kumpannija. It-tieni waħda hi li *ERL* mhix "awtorità pubblika" u għalhekk ma tgħoddx għaliha azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju bħal dik li fetaħ l-attur, għaliex bħala kumpannija ma twaqqfitx b'liġi. It-tielet waħda hi li l-kwestjoni mertu ta' din il-kawża taqa' fis-setgħa tat-Tribunal Industrijali (minn issa 'l hemm imsejjaħ "it-Tribunal"). Ir-raba' waħda hi li, ladarba l-attur kellu rimedju effettiv quddiem it-Tribunal, azzjoni taħt l-Artikolu 469A ma tgħoddx għalih.

»Il-qorti sejra tibda biex tqis it-tieni, t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari. Dawn l-eċċezzjonijiet huma mibnija fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid li l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju maħsuba f'dak l-artikolu ma tistax issir meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra.

»L-artikolu 469A(4) huwa eċċezzjoni għar-regola li l-qrati għandhom ġurisdizzjoni. Għalhekk, jeħtieġ li tali sub-artikolu jitfisser f'sens dejjaq kemm jista' jkun biex ma jġibx fix-xejn l-għan li għalih il-leġislatur daħħal din l-għamla ta' azzjoni reviżorja fil-proċedura lokali. Kif diġà ngħad mill-qrati tagħna, l-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-qrati li jistħarrġu għemil amministrattiv għandha tkun ġustifikata biss jekk il-qorti tkun sodisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju fejjiedi u xieraq disponibbli għaliha u hija naqset li tirrikorri għalih bla raġuni tajba.

»Il-qorti tifhem li, biex il-ġurisdizzjoni tal-qorti li tistħarreġ għemil amministrattiv titneħħa, ir-rimedju taħt xi liġi oħra mogħti lill-persuna mġarrba b'dak l-għemil irid ikun rimedju xieraq u, fuq kollox, effikaċi. Irid jintwera wkoll li l-persuna ma nqdietx bir-rimedju l-ieħor b'mod kapriċċuż, f'liema każ ma jkunx xieraq li, minħabba n-nuqqas tagħha, imbagħad iddur għall-kenn tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A. Bilkemm għandu għalfejn jiżdied jingħad li jaqa' fuq il-parti li tallega li kien hemm rimedju ieħor disponibbli għall-persuna mġarrba biex tipprova kif imiss li tassew kien hemm rimedju effettiv u li l-persuna naqset bla raġuni tajba li tinqeda bih.

»Ma għandux ikun hemm dubju li, fejn rimedju alternattiv taħt xi liġi speċjali ma jkunx disponibbli għal xi persuna mhux bi ħtija tagħha jew lil hinn mill-kontroll tagħha, ma jkunx xieraq li lil dik il-persuna jitneħħielha l-jedd li titlob lill-qorti tistħarreġ l-egħmil amministrattiv li minnu tilminta li ġarrbet xi ħsara jew preġudizzju.

»Għalhekk il-qorti ser tgħaddi biex tqis jekk hux minnu jew le li l-attur kellu rimedju tajjeb u effettiv taħt id-dispożizzjonijiet ta' liġi l-oħra u jekk naqasx bla raġuni tajba li jinqeda bih.

»L-*ERL* tgħid li l-mertu tal-kawża, kif rifless fit-tielet talba u r-raġunijiet marbuta magħha, huwa dwar ħlas ta' xogħol ta' valur ugwali li jaqa' taħt l-ambitu ta' l-artikolu 27 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u li tali lment għandu jiġi mistħarreġ mit-Tribunal li għandu s-setgħa esklussiva li jiddeċiedi kwestjonijiet bħal każ tallum.

»Skond il-liġi, kull persuna li tallega li l-prinċipal ikun kiser, jew li l-kondizzjonijiet tal-impieg ikunu jiksru d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 27, fost oħrajn, tista', fi żmien erba' xhur mill-ksur allegat, tippreżenta ilment quddiem it-Tribunal u t-Tribunal għandu jisma' dak l-ilment u jwettaq dawk l-investigazzjonijiet li jqis xierqa. L-artikolu 27 jagħti d-dritt lil kull impjegat fl-istess klassi ta' impieg għall-istess rata ta' ħlas għal xogħol ta' valur indaqs.

»Wara li rat it-talbiet tal-attur fir-rikors promotur u l-premessi li jwasslu għalihom, il-qorti tasal għall-fehma li l-eċċezzjonijiet huma mistħoqqa. L-ilment ta' l-attur huwa marbut mal-fatt li impjegati oħra fl-istess klassi jew kategorija bħalu, anke jekk f'karigi inferjuri għalih, ġew aġevolati minn żieda fil-pagi minħabba tibdil fl-iskala li kienu jaqgħu taħtha, filwaqt li hu baqa' fl-istess skala u għaldaqstant ma setax javvanza u b'konsegwenza li tilef dħul finanzjarju ma' medda ta' snin. Mix-xhieda u dokumenti mressqa fil-proċess jirriżulta li din kienet dovuta għall-fatt li l-ftehim kollettiv bejn l-Korporazzjoni u t-taqsima relattiva li kienet tirrappreżenta 'l-ħaddiema ma kienx ikopri l-iskala li taħtha kien jaqa' l-attur.

»Il-liġi li tirregola impiegi u relazzjonijiet industrijali, tagħti tifsira għal x'jitqies bħala klassi ta' impieg.

> »"'klassi' meta wżata fil-kuntest ta' grupp jew ta' kategorija ta' impjegati, għandha tinftiehem għall-gruppi jew kategoriji elenkati fi ftehim kollettiv:
>
> »"Iżda fejn ma jkun hemm l-ebda ftehim kollettiv, jew fejn ftehim kollettiv ma jipprovdix għal gruppi jew kategoriji ta' impjegati allura għandha tinftiehem għax-xogħol magħmul jew mistenni li jsir indipendentement mit-titolu jew l-isem mogħti lill-kariga."

»Minkejja li l-attur ma hux kopert fil-ftehim kollettiv, bil-liġi xorta għandu l-jedd għall-istess rata ta' rimunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali, u kemm-il darba huwa ġie mċaħħad minnha l-ilment tiegħu kellu u messu tressaq quddiem it-Tribunal kif jipprovdi l-artikolu 30 tal-istess liġi.

»Minħabba li l-liġi tagħti lit-Tribunal ġurisdizzjoni esklussiva f'ċerti każijiet (u l-ilment tal-attur jidher li jaqa' taħt wieħed minnhom) biex jisma' lmenti marbuta ma' impjeg, dawn il-qrati waqfu milli jiddeċiedu kwestjonijiet marbuta ma' talbiet dwar kundizzjonijiet ta' impieg. F'dan ir-rigward l-ilment tal-attur jaqa' sewwasew taħt materja li l-liġi espressament tgħid li jmissu jkun mistħarreġ mit-Tribunal, u għalhekk is-setgħa ta' din il-qorti li tqis l-istess ilment – imqar jekk miġjub quddiemha fis-sura ta' azzjoni għal stħarriġ amministrattiv – tittieħed minnha favur l-istess Tribunal. Minbarra dan, is-setgħa mogħtija lit-Tribunal li jisma' u jistħarreġ ilment bħalma huwa dak tal-attur f'din il-kawża tibqa' ħajja sakemm il-kawża tad-diskriminazzjoni li minnha jilminta (minħabba li azzjoni taħt l-artikolu 27 tal-Kap 452 taqa' taħt waħda mill-azzjonijiet kontra d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol) tibqa' teżisti.

»Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-qorti hija tal-fehma li l-attur kellu rimedju xieraq u effettiv taħt id-dispożizzjonijiet ta' liġi oħra biex jindirizza l-ilment tiegħu u jinqeda bih.

»Ladarba l-qorti waslet għal din il-fehma u ma tistax tkompli tisma' din il-kawża, ma tarax il-ħtieġa li tgħaddi biex tqis ukoll l-ewwel eċċezzjoni preliminari, ukoll għaliex dik l-eċċezzjoni ma xxellef bl-ebda mod is-siwi tal-eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn.

»Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

> »tilqa' t-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari bħala mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, u ssib li din il-qorti ma għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża miġjuba quddiemha mill-attur minħabba li l-ilment tiegħu jaqa' fis-setgħa ta' tribunal ieħor u minħabba li rimedju seta' jinkiseb skond liġi oħra mill-istess attur u mhux f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju;
>
> »tiċħad it-talbiet attriċi; u
>
> »tordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur.«

5. L-attur appella b'rikors tal-1 ta' Awwissu 2018 u talab illi din il-qorti:

»tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim Awla nhar it-12 ta' Luiju 2018 … … … billi, filwaqt li tħassar u tirrevoka l-parti fejn laqghat l-eċċezzjonijiet miġjuba mis-soċjetà intimata, l-ewwel onorabbii qorti tiddikjara u tiddeċiedi li għandha l-kompetenza li tisma' din il-kawża peress li taqa' fil-parametri tal-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura u tibgħat lura l-inkartament tal-proċess lill-ewwel qorti sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu tal-każ. Fin-nuqqas ta' dan, u *cioè* jekk din l-onorabbli qorti tiddeċiedi li l-eċċezzjoni tal-kompetenza hija ġustifikata, u għalhekk tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili … … …, l-appellant umilment jitlob li l-atti tal-kawża jiġu trasferiti lit-Tribunal Industrijali li għandu jieħu konjizzjoni ta'

din il-kawża a tenur tal-artikolu 741(*b*) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u jkompli jisma' l-każ.«

6. Il-konvenuta wieġbet fis-27 ta' Awwissu 2018 u talbet illi din il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

7. L-attur fisser l-ewwel aggravju tiegħu hekk:

> »L-ewwel aggravju: l-ewwel qorti kienet żbaljata meta ċaħdet l-azzjoni tal-artikolu 469A a bazi ta' ġurisdizzjoni taħt it-Tribunal Industrijali.
>
> »Ir-rikorrenti umilment jirrileva li *in primis* din il-kwistjoni m'hijiex waħda marbuta ma' impjieg jew ma' kundizzjonijiet ta' impjieg. … … … [I]l-qorti tgħid li m'għandhiex tiddeċiedi dwar "kwistjonijiet marbuta ma' talbiet dwar kundizzjonijiet ta' impjieg". Din il-kawża tittratta impjegat, l-appellant, li lahaq supretendent tal-Avjazzjoni fis-sena 2010, u meta saret ir-reorganizzazzjoni … … … l-impjegati kollha li kienu taħt ir-responsabilità tiegħu telgħu fl-iskala tagħhom, minbarra hu. … … … [H]uwa jsemmi l-*istorekeepers*, *senior technical officer*, *supervisors* u oħrajn li ngħataw skala aħjar, jiġifieri għolew fis-salarji tagħhom. Meta konsegwentament ir-rikorrenti għamel ilment mal-Bord tal-Ilmenti, huwa ngħata risposta wara tliet snin. It-talba tiegħu ma ġietx milqugħa, u ngħatat deċiżjoni mingħajr lanqas biss kien mgħarraf. *Nonostante ciò,* l-ilmenti li saru mill-kollegi tiegħu ġew kollha milqugħha u għal-daqstant l-impjegati l-oħra ilkoll ħadu kumpens. Ir-rikorrenti, għal raġunijiet mhux magħrufa lilu, ġie eskluż ukoll mill-ftehim kollettiv li jinkludi s-sezzjoni tal-avjazzjoni. Madanakollu, huwa mhuwiex jilminta mill-kundizzjonijiet tal-impjieg tiegħu iżda talab biss li ssir ġustizzja fil-konfront tiegħu u jingħata d-differenza dovuta lilu kif ukoll id-danni ikkawżati lilu bl-aġir tas-soċjetà intimata li naqset milli tosserva l-prinċipji ta' ġustizzja naturali fit-twettiq tal-azzjonijiet tagħha. Is-soċjetà intimata ma kellha l-ebda setgħa li toħloq dan it-tip ta' inġustizzja.
>
> »Għandu jiġi rilevat illi l-ġurisdizzjoni ordinarja kienet dejjem vestita fil-qorti ordinarja u mhux fit-tribunal, u *nonostante* l-fatt li t-Tribunal Industrijali ngħata ġurisdizzjoni f'ċertu każijiet biex jisma' lmenti marbuta m'impjieg, l-esklużjoni tal-Qorti Ċivili li tistħarreġ egħmil amministrattiv taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tkun ġustifikata biss jekk il-qorti hija sodisfatta li fil-prattika l-persuna kellha rimedju ieħor li naqset milli tinkorri għalih mingħajr ebda raġuni. It-Tribunal Industrijali m'għandux jieħu post il-qorti ordinarja speċjal-ment jekk, bħall-każ odjern, il-kwistjoni mhijiex dwar kundizzjoni ta' impjieg iżda dwar awtorità pubblika li ma setgħetx toħloq dan it-tip ta' inġustizzja fil-konfront tal-appellant.
>
> »L-onorabbli qorti fis-sentenza … … … tgħid ukoll li "l-qorti tifhem li biex il-ġurisdizzjoni tal-qorti li tistħarreg għemil amministrattiv titneħħa, ir-rimedju taħt xi liġi oħra mogħti lill-persuna mġarrba b'dak l-għemil irid ikun rimedju xieraq, u fuq kollox effikaċi … … … m'għandux ikun hemm dubju li fejn rimedju alternattiv taħt xi liġi speċjali ma jkunx disponibbli għal xi persuna mhux bi ħtija tagħha jew lil hinn mill-kontroll tagħha, ma jkunx xieraq li lil dik il-persuna jitneħħielha l-jedd li titlob lill-qorti tistħarreg l-egħmil amministrattiv li minnu tilminta li

ġarrbet xi ħsara jew preġudizzju". Il-qorti sussegwentament tgħid li l-artikolu 27 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti dritt lill-impjegati fl-istess klassi t'impjieg għall-istess rata ta' ħlas ta' xogħol ta' valur ugwali. Ir-rikorrenti jirrispinġi bil-qawwa dan ir-raġunament għas-sempliċi fatt li l-kawża odjerna ma nfetħitx għal din ir-raguni u *cioè* għall-ħlas ta' xogħol ta' valur ugwali iżda biex l-istess appellant jingħata dik id-differenza li hija dovuta lilu u d-danni li s-soċjetà intimata ikkaġunatlu fit-twettiq ta' att inġust li ma kellhiex setgħa li tagħmel u dan *ai termini* tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

»*Inoltre* fil-kaz ta' Carmen Grech *v.* Prim Ministru *et*[1], saret referenza għal dak li effettivament għandu jitqies bħala "egħmil amministrattiv" fis-subartikolu 2 tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ l-imħarrkin jisħqu li r-revoka ta' *detailing* ta' uffiċjal pubbliku minn awtorità għal oħra, jew dipartiment għal dipartiment, taqa' fit-tifsira ta' xi ħaġa li ssir bil-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni u mhux "egħmil amministrattiv". F'din l-istess sentenza jingħad "illi fid-duttrina l-atti magħmula bil-għan ta' organizzazzjoni jew tmexxija interna fi ħdan xi awtorità pubblika jirreferu u jillimitaw irwieħhom għal dawk il-miżuri meħuda biex l-istess awtorità żżomm ċerta ordni fit-tmexxija tagħha ta' kuljum. B'dan li fejn tali miżura tilħaq ċertu livell fejn tolqot drittijiet ta' persuni, imbagħad dik il-miżura tidħol fit-territorju ta' għemil amministrattiv li dwaru l-qrati jistgħu jinqdew bis-setgħa tagħhom li jistħarrġu". Il-qorti tkompli billi tgħid illi wieħed irid jara jekk l-għemil fih innifsu huwiex maħsub għall-organizzazzjoni jew it-tmexxija interna tal-awtorità pubblika jew jekk ikunx motivat minn għanjiet ohra. Ikompli jingħad illi jekk l-ilment ikun wieħed dwar użu irraġonevoli ta' xi diskrezzjoni, ksur ta' xi wieħed mill-prinċipji tal-ħaqq naturali, jew saħansitra aġir abbużiv, jaqa' fuq il-qorti d-dmir li tistħarreġ dan il-kaz għaliex il-kwistjoni ma tibqax wahda ta' "sempliċi organizzazzjoni" jew tmexxija interna imma waħda li tolqot fil-qalba r-raġuni tal-azzjoni dwar stħarriġ gudizzjarju tal-att amministrattiv u għalhekk f'dan il-każ il-qorti mingħajr, ma għaddiet xi sura ta' ġudizzju għaliex il-kawża kienet għadha fi stadju bikri tal-allegazzjoni, waslet għal ftehim li din it-talba tmur lil hinn minn sempliċi kwistjoni ta' organizzazzjoni jew tmexxija interna. Fl-umli fehma tal-appellant, dan ir-raġunar kellu japplika wkoll għall-każ tal-appellant għaliex din l-inġustizzja fil-konfront tiegħu tmur lil hinn minn sempliċi egħmil ta' organizzazzjoni, iżda tmiss u tolqot id-drittijiet tal-bniedem u l-fatt li s-soċjetà intimata qatt ma setgħet toħloq dan it-tip ta' inġustizzja. Irid jingħad li mill-provi prodotti rriżulta li l-ilment tal-appellant biss ġie miċħud u dan mingħajr ma ngħata xi raġuni għal din l-inġustizzja diskriminatorja fil-konfront tiegħu.

»L-appellant lanqas ma jista' jifhem kif sar ftehim kollettiv għas-sezzjoni tal-avjazzjoni kollha għajr għalih u l-mec*hanics* (inizjaiment) fejn l-iskala ta kulħadd ġiet affettwata minbarra tiegħu. Sussegwentement il-*mechanics* ukoll ħadu żieda iżda hu qatt ma ngħata dak li verament kien dovut liiu. Allura din żgur li tmur lil hinn minn kwistjoni ta' sempliċi organizzazjoni interna. Din għandha titqies bħala kwistjoni li tmur kontra l-prinċipji tal-ġustizzja naturaii u li turi deliberazzjoni ta' qabel għemil u għemil li qatt ma kellu jiġi maħluq mis-soċjetà intimata.

---

[1] P.A. 6 ta' Lulju 2017, rik. 1040/2016

Kien għalhekk li l-appellant irrikorra għall-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 meta fetaħ il-kawża odjerna.

»L-appellant jagħmel referenza għall-każ ta' *Eros Trading Ltd* (C-7604) *v.* Direttur Ġenerali Dwana[2] fejn il-ġurisprudenza tisħaq li "biex il-ġurisdizzjoni tal-qorti [*sc.* illi] tistħarreġ għemil amministrattiv tit-neħħa, ir-rimedju taħt xi liġi oħra mogħti lill-persuna mġarrba b'dak l-għemil irid ikun rimedju xieraq u fuq kollox effikaċi. Irid jintwera wkoll li l-persuna ma nqiedtx bir-rimedju l-ieħor b'mod kappriċċuż, f'liema każ ma jkunx xieraq li, minħabba n-nuqqas tagħha, imbagħad iddur għall-kenn tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A". F'dan il-każ ċitat, il-qorti għalhekk riedet tara jekk kienx hemm rimedju ieħor u ddeċidiet li, kieku r-rikorrenti mar għal rimedju ieħor, l-ilmenti kollha ma kinux jiġu indirizzati u għalhekk din il-qorti kellha s-setgħa li tisma' dwar l-ilmenti in kwistjoni. B'parralleliżmu ma' dan il-każ sopraċitat, l-appellant isostni li għalhekk id-deċiżjoni tal-ewwel qorti ma kinitx waħda ġusta għaliex hu ma kellux rimedju ieħor ħlief li jinkorri quddiem il-Qorti Ċivili, ġaladarba din il-qorti taht l-artikolu 469A għandha l-ġurisdizzjoni li tistħarreġ il-validità ta' xi egħmil amministrattiv meta dan jikser il-Kostituzzjoni jew meta awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali fit-twettiq ta' egħmil amministrattiv kif l-appellanti jsostni li sar fil-konfront tiegħu, u huwa proprju għalhekk li l-ewwel qorti żbaijat meta m'eżerċitatx ġurisdizzjoni fuq din il-kwistjoni.

»*Inoltre,* l-appellanti umilment jirreleva li sub-artikolu (4) tal-artikolu 469A m'għandux jingħata interpretazzjoni restrittiva biex jiġi interpretat ġustament. Dan għandu jingħata interpretazzjoni fl-ispirtu ta' dak li kien qed jaħseb il-leġislatur meta fassal din l-liġi, u *cioè* li persuna jkollha rimedju ġust u effikaċi kontra l-aġir amministrattiv li jkun wieħed inġust. Dan joħroġ anke mill-ġurisprudenza nostrana bhal *Bunker Fuel Oil Company Limited v.* Paul Gauci *u Planning Authority*[3] fejn il-qorti qalet li l-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-qorti biex tistħarreġ l-egħmil amministrattiv tkun ġustifikata biss jekk il-qorti tkun sodisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju effikaċi u adegwat verament dispon-ibbli għaliha u hija irraġonevolment ma utilizzatx tali proċeduri dispon-ibbli. F'dan il-każ l-appellant ma kellux rimedju ieħor għajr li jinkorri għall-artikolu sopraċitat u dan *stante* l-fatt li kien ilu impjegat mas-soċjetà intimata għal bosta snin u, *nonostante* li hu qatt ma naqas fil-konfront tal-istess soċjetà, din naqset milli ssegwi l-prinċipji tal-ġust-izzja naturali fit-twettiq tal-għemil amministrattiv li seħħ fil-konfront tal-appellant.

»L-appellant jirreleva wkoll li taqa' fuq il-parti li tallega li jkun hemm rimedju ieħor disponibbli għall-persuna mġarrba biex tipprova kif imiss li tassew kien hemm rimedju effettiv u li l-persuna naqset kapriċċoża-ment u bla raġuni tajba li tinqeda bih. Is-soċjetà intimata ma rnexxil-hiex tipprova dan; anzi ħareġ b'mod ċar mix-xhieda prodotta quddiem l-assistenta ġudizzjarja tal-14 ta' Settembru 2017 li kkonfermaw li ma kien [*sc.* hemm] ebda tibdil fil-kundizzjonijet tax-xogħol tal-attur jew fil-kariga jew responsabilità tiegħu mat-trasferiment mill-*Enemalta* għall-*ERL*. Ix-xhieda prodotta nħbiet wara l-fatt li l-ftehim kollettiv ma kienx jinkludi lill-attur appellant imma qatt ma spjegat ilgħaliex dan l-aġir

[2] P.A. 9 ta' Jannar 2020, rik. 603/2015

[3] App. 6 ta' Mejju 1998

> ittieħed fil-konfront tiegħu biss, filwaqt li l-impjegati kollha l-oħra taħt is-sezzjoni tal-avjazzjoni kienu inklużi u ħadu skala aħjar. Huwa għal-hekk li l-appellant ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-ewwel qorti u konseg-wentement isostni li l-qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li ma għandhiex ġurisdizzjoni fuq l-egħmil in kwistjoni.«

8. Jibda ħażin l-attur appellant meta jgħid illi din il-kawża "m'hijiex waħda marbuta ma' impieg jew ma' kundizzjonijiet ta' impieg". Il-*quantum* tal-paga jew salarju – li huwa l-qofol tal-kwistjoni – huwa materja intimament marbuta mal-kondizzjonijiet tal-impieg tal-attur. Il-kummenti magħmula fl-ewwel paragrafu tal-aggravju huma kollha kummenti li jolqtu l-meritu u ma jżidu xejn mal-asserzjoni tal-attur illi l-ewwel qorti qalet ħażin meta qalet illi l-kawża hija dwar "kwistjonijiet marbuta ma' talbiet dwar kundizzjonijiet ta' impieg". Effettivament f'dan l-aggravju kull ma jagħmel l-appellant hu li jtenni r-ritornell illi "l-kwistjoni mhijiex dwar kundizzjoni ta' impieg" bla ma b'xi mod ifisser kif kwistjoni dwar jekk jistħoqqlux jew le żieda fir-rimuner-azzjoni ma hijiex kwistjoni dwar waħda mill-kondizzjonijiet ewlenin tal-impieg, *viz.* kemm għandu jitħallas tax-xogħol tiegħu. Billi jgħid illi dak li jrid hu illi ma ssirx inġustizzja miegħu ma jfissirx illi, jekk dik l-inġustizzja tolqot il-kondizzjonijiet tal-impieg, il-kwistjoni ma kellhiex titressaq quddiem il-*forum* maħsub għal kwistjonijiet bħal dik.

9. L-attur igħid ukoll illi "jirrispinġi bil-qawwa" l-argument tal-ewwel qorti li dak illi qiegħed ifittex hu li jingħata "l-istess rata ta' ħlas ta' xogħol ta' valur ugwali", iżda fil-fatt huwa dak li qiegħed jitlob: li jingħata d-differenza bejn il-ħlas li ngħata u dak li jgħid li jistħoqqlu meta mqabbel ma' ħaddieħor li ngħata żieda li lilu ma ngħatatx. Billi jpoġġi t-talba f'termini ta' rimedju għal dak li jqis bħala inġustizzja ma jibdilx is-sustanza tat-talba, li hija għal ħlas mistħoqq għax-xogħol li jagħti lill-konvenuta.

10. Din il-qorti ma hijiex sejra tidħol fil-meritu tal-argument jekk l-għemil impunjat jitqiesx "għemil amministrattiv" għall-għanijiet tal-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li kien il-meritu tal-ewwel eċċezzjoni, billi l-ewwel qorti ma qisitx dik l-eċċezzjoni. Li għamlet hu li laqgħet ir-raba' eċċezzjoni għax sabet illi, ukoll jekk l-għemil tal-konvenuta jitqies "għemil amministrattiv", xorta, b'effett tal-art. 469A (4), dak l-għemil ma huwiex sindakabbli kif jippretendi l-attur għax "il-mod ta' kontest-azzjoni jew ta' ksib ta' rimedju" dwar dak l-għemil partikolari huwa "provdut dwaru f'xi liġi oħra", li hija l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali [Kap. 452]. B'ebda mod ma wera l-appellant li r-rimedju msemmi mill-ewwel qorti ma huwiex wieħed "xieraq u effikaċi".

11. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

12. Fit-tieni aggravju l-attur igħid hekk:

> »It-tieni aggravju: l-ewwel qorti naqset milli tapplika artikolu 741(*b*) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> »… … … il-qorti naqset meta iddeċidiet il-kawza u laqgħet it-tieni, tielet u raba' eċċezzjonijiet bħala misthoqqa fil-fatt u fid-dritt u sabet li m'għandhiex setgħa tisma' l-kawża miġjuba quddiemha mir-rikorrrenti minħabba li l-ilment tiegħu jaqa' fis-setgħa tat-Tribunal Industrijali u konsegwentament ċaħdet it-talbiet attriċi. Jekk allura l-qorti iddeċidiet b'dan il-mod, din l-istess qorti missha ħaddmet u għamlet użu mill-artikolu 741(*b*) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijet ta' Malta, li jgħid is-segwenti:
>
> > »"**741.** L-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata-
> >
> > > »"(b) meta għalkemm ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawża tinġieb quddiem qorti diversa min dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha:
> > >
> > > »"Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifi-kata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet *in camera*, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tik-kunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża."
>
> »L-istess artikolu jkompli billi jgħid li jekk it-tribunal jew il-bord jik-kunsidraw li m'għandhomx ġurisdizzjoni, dawn għandhorn fi żmien għaxart ijiem minn meta jkunu rċivew l-atti jew minn meta jkun sar l-

ewwel smigħ quddiemhom, jibagħtu l-atti tal-proċeduri lill-qorti tal-appell li hi kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' appelli minn sentenzi tal-qorti, bord jew tribunal ieħor, liema qorti għandha fi żmien tletin ġurnata u permezz ta' digriet *in camera* tiddeċiedi liema qorti, bord jew tribunal ieħor għandhom jieħdu konjizzjoni tal-kawża.

»Kien ikun ferm aktar ġust fil-konfront tal-appellant li kieku, ġaladarba l-ewwel qorti iddeċidiet li l-eċċezzjoni hija ġustifikata, kompliet billi ttrasferiet l-atti tal-proċeduri lit-Tribunal Industrijali biex b'hekk l-appellant ikollu ċans li jagħmel il-kawża tiegħu, li fuq kollox ġiet imqanqla mill-għemejjel inġusti li saru fil-konfront tiegħu biss, mis-soċjetà intimata. L-appellant isostni dan għaliex, bid-deċiżjoni li ttieħdet mill-ewwel qorti mingħajr l-applikazzjoni tal-artikolu 742(*b*), hu mhux ser ikollu ċans iġib il-kawża tiegħu quddiern it-tribunal u dan minħabba t-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli mill-istess Tribunal Industrijal.

»Għalhekk … kien id-dmir tal-qorti li tuża din is-setgħa mogħotija lilha mill-emendi introdotti bl-Att XIV tas-sena 2016 biex l-atti tal-proċeduri tal-kawża odjerna jiġu trasferiti lit-tribunal ġaladarba, kif diġà sotto-mess, l-ewwel qorti iġġustifikat l-eċċezzjoni tal-inkompetenza. Konseg-wentament l-appellant kien ikollu rimedju ulterjuri biex jagħmel il-każ tiegħu.«

13. Il-konvenuta wieġbet hekk għal dan l-aggravju:

»Dan l-aggravju huwa fieragħ għax skont l-artikolu 30 tal-Kapitolu 452 l-appellant seta' ppreżenta l-ilment tiegħu quddiem it-tribunal fi żmien erba' xhur mill-ksur allegat. Għalhekk ta' min jisħaq li l-"ksur allegat" waqaf f'Jannar tal-2014 meta s-salarju tal-appellant żdied u ġie marbut ma' salarju fi skala ħamsa. Għaldaqstant l-erba' xhur ikkontemplati f'artikolu 30 bdew jidekorru mill-2014 u għalhekk din l-azzjoni hija preskritta. Anke jekk għas-saħħa tal-argument l-ewwel qorti ordnat li l-atti jintbagħtu lit-Tribunal Industrijali, tali azzjoni ma kinetx tirnexxi inkwantu preskritta.«

14. Ċertament l-ewwel qorti, la sabet li ma kellhiex kompetenza biex tisma' l-kawża, ma setgħetx tiċħad it-talbiet; li kellha tagħmel hu li ma tqishomx u tibgħat l-atti quddiem it-tribunal kompetenti, kif igħid u jrid l-art. 741 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili invokat mill-attur.

15. Il-konvenuta fit-tweġiba tagħha effettivament tressaq eċċezzjoni ta' pre-skrizzjoni jew dekadenza tal-azzjoni. Dik l-eċċezzjoni wkoll iżda, bħall-azzjoni li trid tolqot, għandha titressaq quddiem it-tribunal kompetenti – li appuntu huwa t-Tribunal Industrijali – għax huwa dak it-tribunal li,

għallinqas fl-ewwel grad, għandu jiddeċiedi dwar eċċezzjonijiet li jolqtu l-azzjoni mressqa quddiemu.

16. Dan l-aggravju tal-attur għalhekk għandu jintlaqa'.

17. Il-qorti għalhekk tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn sabet illi ma għandhiex kompetenza biex tisma' l-kawża u illi l-kompetenza hija tat-Tribunal Industrijali, u tħassarha fejn ċaħdet it-talbiet tal-attur. Tipprovdi, minflok, billi tordna illi l-atti tal-kawża jintbagħtu lit-Tribunal Industrijali li għandu jieħu konjizzjoni tal-kawża.

18. L-ispejjeż tal-ewwel grad iħallashom l-attur; dawk tal-appell jinqasmu bin-nofs ($^1/_2$) bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm